2. L-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2017, Zulfikarpašić (C-484/15, EU:C:2017:199), u Pula Parking (C-551/15, EU:C:2017:193), tista' tiġi applikata f'din il-kawża, Povrv-2032/17, imsemmija iktar 'il fuq, li biha l-qorti tar-rinviju hija adita?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-23 ta' Ottubru 2018 – AQ vs Ministre de l'Action et des Comptes publics

(Kawża C-662/18)

(2019/C 4/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AQ

Konvenut: Ministre de l'Action et des Comptes publics

Domandi preliminari

— Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tad-Direttiva tad-19 ta' Ottubru 2009 ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-qligħ kapitali magħmul mit-trasferiment tat-titoli rċevuti bi skambju u l-qligħ kapitali differit jiġu ntaxxati skont regoli ta' bażi taxxabbli u ta' rati differenti?

— Dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu sitwazzjoni fejn it-tnaqqis tal-bażi taxxabbli intiż sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-perijodu li matulu nżammu t-titoli ma japplikax għall-qligħ kapitali differit, fid-dawl tal-fatt li din ir-regola ta' bażi taxxabbli ma kinitx tapplika fid-data li fiha sar il-qligħ kapitali, iżda japplika għall-qligħ kapitali magħmul mit-trasferiment tat-titoli rċevuti bi skambju, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-data tal-iskambju u mhux tad-data li fiha t-titoli mogħtija bi skambju ġew akkwistati?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal *mergers*, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri (ĠU L 310, p. 34).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel d'Aix-En-Provence (Franza) fit-23 ta' Ottubru 2018 – Proċeduri kriminali kontra B S u C A

(Kawża C-663/18)

(2019/C 4/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel d'Aix-en-Provence

Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali

B S u C A

Partijiet oħra: Ministère public, Conseil national de l'ordre des pharmaciens

Domanda preliminari

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija adita b'talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 28, 29, 30 u 32 tat-TFUE, tar-Regolamenti 1307/2013 ([1]) u 1308/2013 ([2]) kif ukoll tal-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija, billi qegħda ssirilha d-domanda dwar jekk dawn it-testi għandhomx jiġu interpretati b'mod li d-dispożizzjonijiet derogatorji stabbiliti permezz tad-Digriet tat-22 ta' Awwissu 1990 jimponu, billi jillimitaw il-kultivazzjoni tal-qanneb, l-industrijalizzazzjoni tiegħu u l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, għall-fibri u ż-żerriegħa biss, restrizzjoni li ma hijiex konformi mad-dritt Kommunitarju.

([1]) Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, p. 608 u rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

([2]) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, p. 671, u rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 8 u fil-ĠU 2014, L 189, p. 261).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Paris (Franza) fl-24 ta Ottubru 2018 – IT Development SAS vs Free Mobile SAS

(Kawża C-666/18)

(2019/C 4/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: IT Development SAS

Konvenuta: Free Mobile SAS

Domanda preliminari

Il-fatt li persuna mogħtija liċenzja ta' softwer ma tosservax it-termini ta' kuntratt ta' liċenzja ta' softwer (bl-iskadenza ta' perijodu ta' prova, bil-fatt li jinqabeż in-numru ta' utenti awtorizzati jew unità ta' kejl oħra, bħall-proċessuri li jistgħu jintużaw sabiex jiġu eżegwiti l-istruzzjonijiet tas-softwer, jew billi jiġi emendat il-kodiċi sors tas-softwer meta l-liċenzja tirriżerva dan id-dritt lid-detentur inizjali) jikkostitwixxi:

— kontrafazzjoni (fis-sens tad-Direttiva 2004/48 tad-29 ta' April 2004 ([1])) imġarrba mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur fuq is-softwer irriżervati mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/24/KE tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter ([2]),

— jew jista' jaqa' taħt sistema legali distinta, bħas-sistema tar-responsabbiltà kuntrattwali taħt id-dritt komuni?

([1]) Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

([2]) Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU 2009, L 111, p. 16).